**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

***SMALL CLAIMS TRIBUNAL***

**GUDIKATUR: DR AUDREY J. DEMICOLI, LL.D.**

**SEDUTA TA' NHAR IL-GIMGHA 12 TA' LULJU, 2002**

**Avviz Numru 1418/02 AJD**
**Pater Finance Co. Limited**

**vs**

**Anthony Gera**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-5 ta' Gunju, 2002, fejn gie mitlub li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta' attrici is-somma ta' tmien mija u tlett liri Maltin (Lm803.00) rappresentanti import ta' tmien kambjali, wahda ta' Lm54.00 (bilanc), u sebgha ta' Lm107 il-wahda, debitament accettati u skaduti minn Novembru 2001 sa Gunju 2002 rispettivament u mhux imhallsa (Dok. 1 sa 8).
Bl-imghax legali mill-iskadenza ta' kull kambjala li sat-28 ta' Mejju 2002 jammontaw ghal Lm20.00, oltrre l-imghax ulterjuri sal-pagament effettiv u bl-ispejjes, inkluzi dawk tal-ittri uffucjali tat-28 ta' Jannar 2002 u tal-15 ta' Mejju 2002, kontra l-konvenut.

Ra li l-konvenut debitament notifikat, baqa’ ma deherx u lanqas ma prezenta risposta fir-rigward.

Ra n-nota prezentata mis-socjeta’ attrici fejn hija rriduciet it-talba taghha in kwantu jirrigwarda s-sorte ghal erba’ mija u tlieta u ghoxrin lira Maltin (Lm423.00).

Sema' x-xhieda ta’ Dr.Neville Camilleri in rappresentanza tas-socjeta’ attrici, li kkonferma li l-ammont kif ridott ghadu dovut. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta’ attrici is-somma ta’ erba’ mija u tlieta u ghoxrin lira Maltin (Lm423.00) bl-imghaxijiet legali pagabbli mill-25 ta’ Gunju 2002 sal-hlas effettiv.

L-ispejjes ta' dina l-istanza, inkluzi dawk tal-ittri uffucjali tat-28 ta’ Jannar 2002 u tal-15 ta’ Mejju 2002, ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut skond il-Ligi.

**Avukat Dr. Audrey J. Demicoli**
**Gudikatur.**